**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR 2003**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| L-EWWEL SENA | RELIĠJON | ĦIN: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

ISEM ______________________________ KLASSI ______________

## TAQSIMA A

**Agħmel sinjal taħt it-tajba.**

1. Missier il-Poplu Lhudi hu (Mosè, David, Abraham).
2. Alla wiegħed iben lil Abraham. Dan kien (Eżaw, Ġakobb, Iżakk).
3. (Iżakk, Ġakobb, Ġużeppi ) sar viċi-re ta' l-Eġittu.
4. Il-Poplu ta' Israel kien imqassam fi (12, 13, 17) -il tribù.
5. Alla għażel lil (Mosè, Sawl, David) biex jeħles lil-Lhud mill-Eġitttu.
6. Il-Lhud damu fid-deżert (20, 30, 40) sena.
7. (Mosè, Aaron, Ġożwè) daħħal lil-Lhud f'Kangħan.
8. L-ewwel sultan tal-Lhud kien (Salamun, David, Sawl).
9. David għamel lil (Ġeriko, Ġerusalemm, Betlehem) il-belt kapitali ta' Israel.
10. Dak li Alla kien wiegħed lil Abraham, David u l-profeti, seħħ meta ġie (Ġwanni l-Battista, Ġesù, San Pawl).

**(10 marki)**

## TAQSIMA B

**Ikteb l-ismijiet ta' dawn il-postijiet fil-kaxxi mimdudin.**




1. Il-pajjiż ta' Ġesù.
2. Hawn Ġesù keċċa x-xjaten u bagħathom fil-ħnieżer.
3. Hawn Ġesù qajjem mill-mewt it-tifel ta' armla.
4. Hawn kienu jgħixu l-ħbieb ta' Ġesù, Lazzru, Marija u Marta.
5. Marija u Ġużeppi kienu jgħixu hawn.
6. Hawn Ġesù bidel l-ilma f'inbid.
7. Hawn Ġesù tgħammed minn Ġwanni l-Battista.
8. Hawn kien it-tempju fejn Ġesù kien imur jitlob.
9. Hawn twieled Ġesù.
10. Hawn Ġesù darba fejjaq raġel agħma u darb'oħra ltaqa' ma' Żakkew.

**(10 marki)**

## TAQSIMA Ċ

**Aħna ngħixu f'familja nisranija.**

1. Semmi tliet sagramenti li aħna l-Maltin niċċelebrawhom fil-familja u mal-ħbieb wara li nkunu rċevejniehom fil-knisja.

a) ______________________ b) ______________________

ċ) ______________________

2. X'oġġetti nistgħu nagħmlu fi djarna li jfakkruna li Alla jħobbna? Agħti **tliet** eżempji.

a) ______________________ b) ______________________

ċ) ______________________

3. Semmi żewġ talbiet li l-familja tista' tgħid flimkien f'xi waqtiet matul il-jum.

a) ______________________ b) ______________________

ċ) ______________________

4. X'sehem jistgħu jagħtu l-membri tal-familja tiegħek fil-parroċċa. Agħti **żewġ** eżempji.

a) ______________________ b) ______________________

ċ) ______________________

**(10 marki)**

## TAQSIMA D

**Ġesù għallem bil-parabboli. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'inhi parabbola? ______________________________________

2. Għaliex Ġesù kien jgħallem bil-parabboli?

______________________________________

3. X'tagħlima ried jagħti Ġesù bil-parabbola tal-bidwi li ħareġ jiżra'?

______________________________________

______________________________________

4. X'tagħlima ried jagħti Ġesù bil-parabbola ta' l-iben il-ħali?

______________________________________

______________________________________

5. X'tagħlima ried jagħti Ġesù bil-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda?

______________________________________

______________________________________

**(10 marki)**

## TAQSIMA E

**X'ried jgħallem Ġesù meta qal:**

1. "Mhux kif irrid jien iżda kif trid Int."

2. "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."

3. "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi."

4. "Jien id-dawl tad-dinja: min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam."

5. "Jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien."

**(20 marka)**

## TAQSIMA F

**Wieġeb <u>it-tliet</u> mistoqsijiet li ġejjin billi tikteb paragrafu fuq kull waħda. (Ikteb fuq karta separata)**

**Ġesù ħabbna sa l-aħħar**

a) Kif ħabbna sa l-aħħar Ġesù? (6 marki)

b) Massimiljan Kolbe u Madre Tereża ħabbew sa l-aħħar fuq l-eżempju ta' Ġesù. Irrakkonta kif dawn it-tnejn ħabbew il-proxxmu tagħhom bħal Ġesù. (8 marki)

ċ) Kif Ġesù baqa' magħna wara li qam mill-mewt u tela' s-sema? (6 marki)

**(20 marka)**

## TAQSIMA Ġ

**Aqra din is-silta mill-Evanġelju skond San Ġwann u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Kif kien għaddej, Ġesù lemaħ raġel agħma minn twelidu. (Kif rah) beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn ir-raġel agħma. U qallu: "Mur inħasel fil-menqgħa ta' Silwam." Mela dak mar, inħasel u ġie jara. Il-ġirien qalu: "Dan mhuwiex dak li kien joqgħod bil-qiegħda jittallab il-karità?" Weġibhom: "Jiena hu. Wieħed raġel jgħidulu Ġesù, għamel ftit tajn, dilikli għajnejja bih, u qalli, 'Mur fis-Silwam u nħasel hemm.' Mort, inħsilt u ġejt nara."

Lil dan ir-raġel ħaduh għand il-Fariżej. Issa dak in-nhar li Ġesù għamel it-tajn u fetaħ għajnejn l-agħma nzerta kien is-Sibt. Xi wħud mill-Fariżej qalulu: "Dan il-bniedem mhuwiex ġej mingħand Alla, għax ma jħarisx is-Sibt... Int x'jidhirlek minnu, issa li fetaħlek għajnejk?" Qalilhom: "Dak profeta."

(Weġbuh) "Aħna nafu li dan il-bniedem huwa midneb." Dak weġibhom: "Jekk huwiex midneb ma nafx; ħaġa waħda naf: li kont agħma u issa qiegħed nara... Li kieku dan ma kienx ġej mingħand Alla, xejn ma kien ikollu ħila jagħmel." U keċċewh 'il barra.

Ġesù sema' li keċċewh 'il barra; sabu u qallu: "Temmen inti f'Bin il-Bniedem?" Dak wieġeb u qallu: "Min hu Mulej, biex nemmen fih?" Qallu Ġesù: "Mhux biss rajtu, imma hu dak stess li qiegħed ikellmek." Qallu: "Nemmen, Mulej!" U nxteħet jadurah. Imbagħad Ġesù qal: **"Jien ġejt fid-dinja biex nagħmel il-ħaqq, biex min ma jarax isir jara."**

1. X'kienet l-akbar xewqa li kellu l-agħma? (marka)

___

2. X' għamel Ġesù biex fejjaq lill-agħma? (marka)

___

3. Għaliex il-Fariżej akkużaw lil Ġesù li kien midneb? (2 marki)

___

4. Għaliex dak li qabel kien agħma beda jsejjaħ lil Ġesù 'profeta'? (2 marki)

___

5. Wara li sema' li keċċewh 'il barra, Ġesù ried jagħti lill-agħma dawl ġdid. X'kien dan id-dawl? (2 marki)

___

6. Liema parti ta' din is-silta turi li dak ir-raġel laqa' dan id-dawl ġdid? (marka)

___

7. Min taħseb li kien l-aktar agħma, dak ir-raġel jew il-Fariżej? Għaliex? (3 marki)

___

___

8. Aħna meta rċevejna d-dawl ġdid li Ġesù ta lil dak ir-raġel? (marka)

___

9. Bis-saħħa ta' dan id-dawl, dak ir-raġel għaraf aktar min kien Ġesù. Bis-saħħa ta' dan id-dawl, min hu Ġesù għalik? (4 marki)

___

___

10. Ikteb x'ried ifisser Ġesù fl-aħħar sentenza ta' din is-silta. (3 marki)

___

**(20 marka)**